

Brussell, 6 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15035/23

EF 341
ECOFIN 1132
DELECT 175

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 7109 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 26.10.2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-elementi minimi li għandhom jiġu inklużi fi pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u l-kriterji li għandhom jiġu ssodisfati għall-approvazzjoni tiegħu mill-awtorità ta' riżoluzzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 7109 final.

Mehmuż: C(2023) 7109 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2023
C(2023) 7109 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 26.10.2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-elementi minimi li għandhom jiġu inklużi fi pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u l-kriterji li għandhom jiġu ssodisfati għall-approvazzjoni tiegħu mill-awtorità ta' riżoluzzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikoli 37(4) u 38(4) tar-Regolament (UE) 2021/23 (“ir-Regolament”) jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara s-sottomissjoni tal-abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA), u f’konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, att delegat li jispeċifika l-elementi minimi li għandhom jiġu inklużi fi pjan ta’ riorganizzazzjoni tan-negozju f’konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament, u l-kriterji li għandhom jiġu ssodisfati għall-approvazzjoni tiegħu mill-awtorità ta’ riżoluzzjoni f’konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament.

F’konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi l-ESMA, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi fi żmien tliet xhur minn meta tirċevihom, jekk tapprovax l-abbozzi tal-istandards ppreżentati. Il-Kummissjoni tista’ wkoll tapprova l-abbozzi ta’ standards b’mod parzjali biss, jew b’emendi, meta l-interessi tal-UE jirrikjedu dan, f’konformità mal-proċedura speċifika stabbilita f’dawk l-Artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F’konformità mal-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozzi ta’ standards tekniċi ppreżentati lill-Kummissjoni f’konformità mal-Artikoli 37(4) u 38(4) tar-Regolament. Fit-22 ta’ Settembru 2022 ġie ppubblikat dokument ta’ diskussjoni fuq is-sit web tal-ESMA, u l-konsultazzjoni għalqet fl-1 ta’ Diċembru 2022. Barra minn hekk, l-ESMA stiednet lill-grupp tal-partijiet interessati tat-titoli u s-swieq tagħha, stabbilit f’konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, jagħti parir dwar l-abbozzi ta’ standards tekniċi. Flimkien mal-abbozzi ta’ standards tekniċi, l-ESMA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif l-eżitu ta’ dawn il-konsultazzjonijiet tqies fl-iżvilupp tal-abbozzi finali ta’ standards tekniċi ppreżentati lill-Kummissjoni.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jistabbilixxi l-kontenut tal-pjan ta’ riorganizzazzjoni tan-negozju ppreżentat mill-Kontroparti Ċentrali (Central Counterparty, CCP) fi żmien xahar wara li l-awtorità ta’ riżoluzzjoni tkun applikat l-għodda ta’ valutazzjoni negattiva u ta’ konverżjoni f’konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament, filwaqt li jqis:

- il-ħtieġa li titreġġa’ lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP jew ta’ partijiet min-negozju tagħha fi żmien raġonevoli;
- il-ħtieġa għal suppożizzjonijiet realistiċi fir-rigward tal-kondizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji tas-suq li fihom se topera s-CCP;
- l-istati attwali u potenzjali tas-swieq finanzjarji sabiex jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet ewlenin tas-CCP.

Dan l-att delegat jistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju mill-awtorità ta' riżoluzzjoni:

- Jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti jkunu ssodisfati li l-pjan se jerġa' jikseb lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP, l-awtorità ta' riżoluzzjoni trid tapprova l-pjan.
- Jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni jew l-awtorità kompetenti ma jkunux issodisfati li l-miżuri previsti fil-pjan se jreġġgħu lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP, l-awtorità ta' riżoluzzjoni se tinnotifika lis-CCP dwar it-tħassib tagħhom u jeħtiġuha terġa' tippreżenta pjan emendat li jindirizza dak it-tħassib fi żmien ġimagħtejn min-notifika. Jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tippreżenta l-pjan rivedut lill-awtorità kompetenti u lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni. Imbagħad jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti jivvalutaw il-pjan ippreżentat mill-ġdid u jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tinnotifika lis-CCP fi żmien ġimgħa minn meta jirċievu dak il-pjan rivedut dwar jekk it-tħassib kienx indirizzat b'mod xieraq, kif ukoll jekk humiex meħtieġa emendi ulterjuri.

L-Artikolu 1 jistabbilixxi d-deskrizzjoni mistennija fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju tal-fatturi jew taċ-ċirkostanzi li wasslu biex is-CCP tfalli jew li tkun fi probabbiltà li tfalli.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-deskrizzjoni mistennija fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju tal-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi d-deskrizzjoni mistennija fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju tal-miżuri relatati mar-riorganizzazzjoni u r-ristrutturar tal-attivitàjiet tas-CCP.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi d-deskrizzjoni mistennija fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju tal-miżuri relatati mal-bidliet fis-sistemi operattivi u fl-infrastruttura tas-CCP.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi d-deskrizzjoni mistennija fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju tal-miżuri relatati ma' stralċ jew bejgħ ta' assi jew ta' linji tan-negozju.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi d-deskrizzjoni mistennija fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju tal-miżuri relatati mal-bidliet fil-ġestjoni tar-riskju tas-CCP.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-iskeda ta' żmien mistennija fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għall-implimentazzjoni tal-miżuri deskritti fih.

L-Artikolu 8 jistabbilixxi l-kriterji tal-prestazzjoni tal-vijabilità li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqis meta tivvaluta l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi l-kriterji tal-prestazzjoni finanzjarja li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqis meta tivvaluta l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.

L-Artikolu 10 jistabbilixxi l-ħtieġa li tingħata prova tas-sensibilizzazzjoni u l-impenn tal-bord tas-CCP u ta' partijiet ikkonċernati interni u esterni ewlenin oħra għall-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.

L-Artikolu 11 jistabbilixxi l-ħtieġa li l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jiddependi fuq suppożizzjonijiet kredibbli.

L-Artikolu 12 jistabbilixxi l-ħtieġa li l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jkun xieraq u jqis il-karatteristiċi speċifiċi tas-CCP u l-interdipendenzi tagħha ma' partijiet ikkonċernati oħra.

L-Artikolu 13 jistabbilixxi l-ħtieġa li l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jkun konsistenti mal-pjanijiet tan-negozju preċedenti mħejjija mis-CCP.

L-Artikolu 14 jistabbilixxi d-dettalji għad-dħul fis-seħħ.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 26.10.2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-elementi minimi li għandhom jiġu inklużi fi pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u l-kriterji li għandhom jiġu ssodisfati għall-approvazzjoni tiegħu mill-awtorità ta' riżoluzzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 37(4), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 38(4), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) It-treġġiġh lura tal-vijabilità fit-tul tal-kontroparti ċentrali (CCP) wara l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni rilevanti, jitqies li jkun inkiseb meta, sa mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, is-CCP tkun kapaċi tissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali rilevanti kollha u rekwiżiti regolatorji oħrajn fuq bażi progressiva, u jkollha mudell ta' negozju vijabbli li jkun ukoll sostenibbli fit-tul.
- (2) Jenħtieġ li pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jqis l-event li wassal biex l-awtorità ta' riżoluzzjoni tiegħu azzjoni ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2021/23 ("event skattatur"). Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jinkludi analiżi dettaljata tal-fatturi u ċ-ċirkostanzi li wasslu għal dak l-event, li huma varjabbli importanti għat-tfassil tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u għall-identifikazzjoni ta' miżuri xierqa ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.
- (3) Pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jstabbilixxi l-miżuri previsti biex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP. Sabiex jiġi massimizzat iċ-ċans tagħhom li jilhqqu l-oġġettivi tagħhom, jenħtieġ li dawn ikunu adatti għas-servizzi tal-ikklijar tas-CCP, iqisu l-kondizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji tas-suq li fihom se topera s-CCP, jikkunsidraw kwalunkwe effett fuq il-partijiet ikkonċernati rilevanti tas-CCP, u

¹ ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1.

jenħtieġ li jiżguraw kemm il-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi tas-CCP kif ukoll il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji. Sabiex pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jittqies kredibbli mill-awtorità ta' riżoluzzjoni u mill-awtorità kompetenti, jenħtieġ li dan ireġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP abbażi ta' suppożizzjonijiet realistiċi u jispjega r-raġunijiet għaliex xi miżuri alternattivi ġew imwarrba mill-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.

- (4) Bħar-riorganizzazzjoni tan-negozju, l-ippjanar għall-irkupru għandu l-għan li jtejjeb il-prestazzjoni ta' entità li tkun qed tiffaċċja diffikultajiet ekonomiċi billi jidentifika u jindirizza l-kawżi ta' dawk id-diffikultajiet. Għalhekk, sabiex is-sinerġiji bejn iż-żewġ tipi ta' pjanar jiġu sfruttati kif xieraq, meta jikkunsidra t-treġġiġh lura tal-vijabilità u l-kontinwità tas-servizzi tal-ikklijar tas-CCP, jenħtieġ li l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju juża l-informazzjoni li tinsab fil-pjan ta' rkupru, sa fejn tali informazzjoni tkun rilevanti għat-treġġiġh lura tal-vijabilità fit-tul tas-CCP.
- (5) Pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jista' jinkludi, fejn rilevanti, miżuri għar-riorganizzazzjoni u r-ristrutturar tal-attivitajiet tas-CCP, bidliet fis-sistema operattiva u fl-infrastruttura tas-CCP, jew bidliet fil-ġestjoni tar-riskju tas-CCP. Sabiex tiġi żgurata r-rilevanza ta' kull miżura, jenħtieġ li l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jinkludi preżentazzjoni dettaljata, li tqis l-impatt tal-miżuri proposti fuq l-attivitajiet tas-CCP, il-membri tal-ikklijar u l-fornituri terzi, u li turi kif dik il-miżura se treġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP. B'mod partikolari, sabiex juri li s-CCP se tibqa' konformi mar-rekwiżiti organizzazzjonali u prudenzjali stabbiliti fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², jenħtieġ li kwalunkwe bidla fil-ġestjoni tar-riskju tas-CCP tiġi dettaljata u vvalutata fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.
- (6) Pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jista' jinkludi miżuri għall-bejgħ jew l-istralċ ta' xi wħud mill-assi jew mil-linji tan-negozju tas-CCP. Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tagħhom, jenħtieġ li dawn il-miżuri jkunu appoġġati minn deskrizzjoni dettaljata tal-linji tan-negozju jew l-assi kkunsidrati għall-bejgħ, kif dak il-bejgħ ireġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP, u kwalunkwe impatt fuq il-kontinwità tal-operazzjonijiet tas-CCP.
- (7) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni kredibbli tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, jenħtieġ li dan jinkludi skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni tal-miżuri kollha previsti. Jenħtieġ li l-iskeda ta' żmien tgħin fl-identifikazzjoni tal-istadji importanti ewlenin tal-pjan, inklużi l-passi ta' komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni.
- (8) Meta jivvalutaw jekk il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jreġġax lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni jqisu kemm il-kriterji tal-prestazzjoni tal-vijabilità kif ukoll il-kriterji tal-prestazzjoni finanzjarja, li huma komplementari għal xulxin. Jenħtieġ li l-kriterji tal-prestazzjoni tal-vijabilità jgħinu biex jiġi vverifikat li l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju huwa konsistenti mar-regoli u r-regolamenti interni tas-CCP, u li permezz tiegħu s-CCP tkun tista' tkompli topera mingħajr ma toħloq riskji sinifikanti għas-sistema finanzjarja,

² Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

filwaqt li tibqa' konformi mar-rekwiżiti prudenzjali u organizzazzjonali applikabbli kollha. Jenħtieġ li l-kriterji tal-prestazzjoni finanzjarja jgħinu biex jiġi vverifikat li l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju se jiggarrantixxi l-vijabilità finanzjarja fit-tul tas-CCP, kemm mil-lat operazzjonali kif ukoll minn dak ekonomiku, wara r-riorganizzazzjoni.

- (9) Il-fluttwazzjonijiet huma parti inerenti miċ-ċiklu ekonomiku. Jenħtieġ li kwalunkwe pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jinkludi analiżi ta' xenarji alternattivi, b'bidliet xierqa fis-suppożizzjonijiet sottostanti ewlenin biex jiġu inklużi s-suppożizzjonijiet tal-agħar u l-aħjar xenarji possibbli. Sabiex tiġi żgurata l-kredibbiltà tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, jenħtieġ li meta l-awtorità kompetenti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni jivvalutaw il-pjan, jivverifikaw li dan jiddependi fuq sett ta' xenarji komprensivi u realistiki, li jirriflettu b'mod preċiż l-ambjent tas-suq tas-CCP, u r-restrizzjonijiet operazzjonali u legali tagħha.
- (10) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni kredibbli tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, jenħtieġ li meta l-awtorità kompetenti u l-awtorità tar-riżoluzzjoni jivvalutaw dak il-pjan, jiżguraw li kemm il-maniġment superjuri kif ukoll il-partijiet ikkonċernati ewlenin ikollhom għarfien suffiċjenti tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju. Peress li l-partijiet ikkonċernati ewlenin huma essenzjali jew kritiċi għas-CCP fl-għoti tas-servizzi tal-ikklijar, jenħtieġ li jinkludu membri tal-ikklijar u fornituri ta' servizzi kritiċi inklużi l-fornituri tas-servizzi ta' saldu, u l-fornituri tal-pjattaformi.
- (11) Sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, jenħtieġ li meta l-awtorità kompetenti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni jivvalutaw il-pjan, jivverifikaw li dan jippreserva l-funzjonijiet kritiċi tas-CCP, u jqis il-karatteristiċi speċifiċi tas-CCP, inklużi n-natura tal-attivitajiet tal-ikklijar tagħha, l-istruttura tas-suq tal-ikklijar, u l-interdipendenzi ma' partijiet ikkonċernati oħra inklużi l-membri tal-ikklijar, iċ-ċentri tan-negozjar jew il-fornituri ta' servizzi kritiċi. Filwaqt li tiżgura li jiġu inklużi d-dettalji kollha meħtieġa, jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tivvaluta wkoll li l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju huwa konċiż u ċar biżżejjed biex ikun jista' jiġi implimentat malajr.
- (12) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, jenħtieġ li meta l-awtorità kompetenti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni jivvalutaw il-pjan, iqabblu l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju mal-pjanijiet tan-negozju preċedenti tas-CCPs, mħejjija jew skont is-suppożizzjonijiet tagħhom stess ta' "żamma tal-istatus quo" jew fejn meħtieġ minn obbligi regolatorji jew legali.
- (13) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib ma' xulxin, peress li jittrattaw il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju li s-CCPs taħt riżoluzzjoni huma meħtieġa jippreżentaw wara l-applikazzjoni tal-għodda ta' valutazzjoni negattiva u ta' konverżjoni. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, hemm il-ħtieġa li s-CCPs u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom perspettiva komprensiva u aċċess kumpatt għall-obbligi u d-drittijiet tagħhom marbuta ma' tali pjanijiet ta' riorganizzazzjoni tan-negozju. Għalhekk, huwa xieraq li l-istandards tekniċi regolatorji rilevanti meħtieġa mill-Artikoli 37(4) u 38(4) tar-Regolament (UE) 2021/23 jiġu inklużi f'Regolament wieħed.
- (14) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

- (15) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Konċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

ELEMENTI MINIMI LI GĦANDHOM JIĠU INKLUŻI FIL-PJAN TA' RIORGANIZZAZZJONI TAN-NEGOZJU

Artikolu 1

Fatturi jew ċirkostanzi li wasslu biex is-CCP tfalli jew tkun fi probabbiltà li tfalli

1. Analiżi dettaljata tal-fatturi u ċ-ċirkostanzi li wasslu biex is-CCP tfalli jew tkun fi probabbiltà li tfalli kif imsemmi fl-Artikolu 37(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/23, għandha tinkludi dan kollu li ġej:
 - (a) deskrizzjoni tal-fatturi u ċ-ċirkostanzi b'distinzzjoni ċara bejn eventi ta' inadempjenza, eventi mhux ta' inadempjenza u fejn ikun hemm taħlita tat-tnejn;
 - (b) valutazzjoni tal-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22(1), il-punt (a), u l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2021/23 meta tali kondizzjonijiet jew ċirkostanzi jkunu kkontribwew direttament jew indirettament biex is-CCP titqies li qed tfalli jew li x'aktarx tfalli;
 - (c) deskrizzjoni tal-miżuri ta' rkupru u tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni meħuda jew applikati mis-CCP jew mill-awtorità ta' riżoluzzjoni qabel il-preżentazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Deskrizzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP

1. Deskrizzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP kif imsemmi fl-Artikolu 37(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/23 għandha tinkludi l-elementi kollha li ġejjin:
 - (a) deskrizzjoni dwar kif il-miżuri li għandhom jiġu adottati huma adattati għall-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa tas-CCP, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi tal-ikklirjar ipprovduti mis-CCP u l-ambjent ekonomiku u finanzjarju li fih topera s-CCP;
 - (b) deskrizzjoni dwar kif il-miżuri li għandhom jiġu adottati jqisu l-analiżi dettaljata msemmija fl-Artikolu 1, b'deskrizzjoni tal-limitu sa fejn dawk il-miżuri huma derivati mill-fatturi u ċ-ċirkostanzi identifikati f'dik l-analiżi;
 - (c) deskrizzjoni dwar kif il-miżuri li għandhom jiġu adottati jkunu inkludew kwalunkwe waħda mill-miżuri identifikati qabel fil-pjan ta' rkupru, fejn tali miżuri jibqgħu validi għall-istrateġija tas-CCP sabiex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tagħha;
 - (d) deskrizzjoni dwar kif is-CCP użat l-informazzjoni u s-suppożizzjonijiet rilevanti fir-rigward tas-servizzi tal-ikklirjar previsti tagħha, il-vijabilità u l-kapaċità operazzjonali previsti filwaqt li jitqiesu l-fornituri tas-servizzi ta' kont kif ukoll l-entitajiet konnessi u infrastrutturi tas-swieq finanzjarji oħra (financial market infrastructures, FMIs); inkluża deskrizzjoni ta' kif is-CCP qieset l-effett stmat tal-miżuri previsti fuq l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja, sabiex tiġi żviluppata kull waħda mill-miżuri skont il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u biex tiġi mbassra l-prestazzjoni tagħha skont kull miżura bħal din sabiex jiġi żgurat li l-miżuri li għandhom jiġu adottati jkunu adatti għall-għan li titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tagħha;
 - (e) deskrizzjoni dwar kif il-miżuri huma marbuta mal-eżitu tal-analiżi tal-fatturi u ċ-ċirkostanzi li wasslu biex is-CCP tfalli jew tkun fi probabbiltà li tfalli, u mal-event li kkawża l-iskattar tal-pjan ta' riżoluzzjoni;
 - (f) deskrizzjoni dwar kif il-miżuri li għandhom jiġu adottati jqisu dan li ġej:
 - (i) kwalunkwe effett materjali fuq il-membri tal-ikklirjar, u l-kljenti diretti u indiretti tagħhom, u l-interdipendenzi ma' FMIs u ċentri tan-negozjar marbuta oħra;
 - (ii) kwalunkwe effett materjali fuq il-funzjonament tas-CCP, inklużi settijiet ta' netting u rekwiżiti ta' kollateral;
 - (iii) il-ħtieġa tal-kontinwità tal-arranġamenti legali u tekniċi tas-CCP;

- (iv) kwalunkwe bidla materjali prevista fil-pjan ta' rkupru, sa fejn l-informazzjoni tkun disponibbli għas-CCP fl-istadju tal-ippjanar ta' riorganizzazzjoni tan-negozju;
- (v) il-ħtieġa li tinżamm, jew terġa' tinkiseb il-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 16 u t-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u l-Artikoli 9, 31, 35, 36, 39 u 70 tar-Regolament (UE) 2021/23.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-livell ta' informazzjoni fid-deskrizzjoni tal-miżuri differenti jista' jvarja skont il-probabbiltà li dawk il-miżuri jiġu adottati skont il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.

2. Kwalunkwe valutazzjoni u suppożizzjoni li saru, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-kriterji tal-prestazzjoni tal-vijabilità u l-kriterji tal-prestazzjoni finanzjarja stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9, biex jiġu identifikati l-miżuri li għandhom jiġu adottati skont il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, għandhom jiġu deskritti u mqabbla mal-punti ta' referenza xierqa għas-settur kollu għall-istrumenti kklirjati u għandhom jirriflettu t-tbassir makroekonomiku disponibbli għall-ikklijar ta' tali strumenti.
3. Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jinkludi analiżi tas-suppożizzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-aħjar u l-aħjar xenarji possibbli, u l-miżuri li jirriżultaw minn dawk ix-xenarji. It-treġġiħ lura tal-vijabilità fit-tul tas-CCP għandu jkun possibbli fix-xenarji kollha, għalkemm għal perjodu ta' implimentazzjoni, il-miżuri li għandhom jiġu adottati u l-prestazzjoni finanzjarja jistgħu jvarjaw.
4. Meta l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jinkludi diversi miżuri li għandhom jiġu adottati biex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP, id-deskrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi dan li ġej:
 - (a) ġustifikazzjoni tal-miżuri differenti inkluża deskrizzjoni tas-suppożizzjonijiet differenti applikati;
 - (b) deskrizzjoni ta' kif kull waħda mill-miżuri differenti se treġġa' lura, b'mod konġunt jew indipendenti, il-vijabilità fit-tul tas-CCP;
 - (c) deskrizzjoni tal-ġerarkija fl-applikazzjoni tal-miżuri.
5. Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jinkludi deskrizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe miżura alternattiva mhux meqjusa fil-proċess tat-tfassil tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.

Artikolu 3

Ir-riorganizzazzjoni u r-ristrutturar tal-attivitàjiet tas-CCP

Meta l-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP jinkludu riorganizzazzjoni u ristrutturar tal-attivitàjiet tas-CCP kif imsemmi fl-Artikolu 37(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/23, id-deskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi wkoll l-elementi li ġejjin:

- (a) deskrizzjoni tan-negozju riorganizzat u tas-servizz tal-ikklijjar kif huma pplanati li jirriżultaw mill-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju;
- (b) spjegazzjoni tal-bidliet previsti, u l-kontribut tagħhom biex jintlaħaq l-oġettiv ta' riorganizzazzjoni tas-CCP;
- (c) deskrizzjoni tal-impatt tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju fuq il-funzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin tas-CCP, b'mod partikolari fuq il-kapaċità tas-CCP li tkompli tipprovdi servizzi tal-ikklijjar;
- (d) deskrizzjoni tal-punt sa fejn l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni jkopru parti mill-funzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin tas-CCP, inkluż jekk entità oħra tiddeterminax il-prezzijiet, tipprovdi sistemi għall-ikklijjar, il-kalkoli tal-marġni jew partijiet essenzjali oħra tal-operazzjonijiet tas-CCP, u kif tali funzjonijiet kritiċi u linji tan-negozju ewlenin se jibqgħu operazzjonali;
- (e) deskrizzjoni ta' kif il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju se jaffettwa s-swieq li fihom topera s-CCP, u s-servizzi tal-ikklijjar ipprovduti mis-CCP;
- (f) deskrizzjoni ta' kif se jaħdmu n-negozju aġġustat u s-servizz tal-ikklijjar meta s-CCP tkun daħlet f'arranġamenti ma' partijiet terzi, inklużi l-arranġamenti tal-interoperabbiltà u l-arranġamenti mal-fornituri tas-servizzi, u kif is-CCP se tkun tista' tkompli tipprovdi l-funzjonijiet u s-servizzi kritiċi tagħha meta tkun dipendenti fuq tali entitajiet;
- (g) preżentazzjoni ta' kwalunkwe bidla prevista fl-organizzazzjoni tas-CCP;
- (h) preżentazzjoni tal-bidliet fl-istruttura tas-sjieda tas-CCP u kwalunkwe bidla fl-istrutturi tal-inċentivi tal-manigġers;
- (i) fejn rilevanti, preżentazzjoni tal-bidliet fil-governanza, l-organizzazzjoni u l-impjegati tas-CCP.

Artikolu 4

Bidliet fis-sistemi operattivi u l-infrastruttura tas-CCP

Meta l-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP jinkludu bidliet fis-sistemi operattivi u l-infrastruttura tas-CCP kif imsemmi fl-Artikolu 37(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/23, id-deskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- (a) preżentazzjoni tas-sistemi operattivi ewlenin u l-infrastruttura identifikati li se jiġu affettwati mill-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u kif se jiġu affettwati;
- (b) preżentazzjoni ta' kwalunkwe bidla prevista fl-organizzazzjoni tas-CCP;
- (c) preżentazzjoni tal-bidliet fl-istruttura tas-sjieda tas-CCP u kwalunkwe bidla fl-istrutturi tal-inċentivi tal-manigġers;

- (d) fejn rilevanti, preżentazzjoni tal-bidliet fil-governanza, l-organizzazzjoni u l-impjegati tas-CCP.

Artikolu 5

Il-bejgħ ta' assi jew linji ta' negozju

1. Meta l-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP jinkludu l-bejgħ tal-assi jew tal-linji tan-negozju msemmija fl-Artikolu 37(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/23, id-deskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:
- (a) deskrizzjoni tal-miżuri li jidentifikaw liema mil-linji tan-negozju jew l-assi rilevanti tas-CCP u l-obbligazzjonijiet, id-drittijiet u l-obbligi relatati, se jiġu stralċati jew mibjugħa, inklużi:
 - (i) deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet rilevanti għall-istralċ jew għall-bejgħ;
 - (ii) il-metodu għall-istralċ jew il-bejgħ, inklużi s-suppożizzjonijiet sottostanti u kwalunkwe telf possibbli mistenni;
 - (iii) id-durata mistennija;
 - (iv) kwalunkwe finanzjament jew servizz ipprovdut mill-kumplement tas-CCP jew lilhom;
 - (b) meta parti mil-linja tan-negozju jew mill-assi tiffirma parti mill-funzjonijiet kritiċi jew mil-linji tan-negozju ewlenin tas-CCP, deskrizzjoni ta' kif, sa fejn l-informazzjoni tkun disponibbli għas-CCP, tali funzjonijiet kritiċi jew linji tan-negozju ewlenin jistgħu jiġu sseparati minn funzjonijiet kritiċi jew mhux kritiċi oħra jew mil-linji tan-negozju ewlenin f'termini ekonomiċi, operazzjonali u legali;
 - (c) meta parti mil-linja tan-negozju jew mill-assi tiffirma parti mill-funzjonijiet kritiċi jew mil-linji tan-negozju ewlenin tas-CCP, deskrizzjoni, sa fejn l-informazzjoni tkun disponibbli għas-CCP, ta' kwalunkwe effett materjali possibbli ta' tali separazzjoni tal-assi fuq il-membri tal-ikklijerjar u, sa fejn l-informazzjoni tkun disponibbli, il-klijenti diretti u indiretti tagħhom, kif ukoll fuq ċentri tan-negozjar u FMIs u CCPs oħra;
 - (d) fejn rilevanti u fejn l-identifikazzjoni tkun possibbli, deskrizzjoni ta' kwalunkwe effett materjali minħabba l-istralċ jew il-bejgħ tal-linji tan-negozju jew tal-assi rilevanti u l-pożizzjonijiet rilevanti tas-CCP fuq:
 - (i) settijiet ta' netting, operazzjonijiet jew arranġamenti legali għall-membri tal-ikklijerjar u, sa fejn l-informazzjoni tkun disponibbli, il-klijenti diretti u indiretti tagħhom;
 - (ii) il-kalkolu tar-rekwiżiti tal-kollateral, b'mod partikolari l-marġnijiet ta' varjazzjoni, u kif tali stralċ jew bejgħ jista' jaffettwa materjalment il-

kollateral mitlub mill-membri tal-ikklijjar, u, sa fejn l-informazzjoni tkun disponibbli, il-klijenti diretti u indiretti tagħhom;

- (iii) il-prezz tal-allokkazzjoni u t-trasferiment ta' tali pożizzjonijiet u tranżazzjonijiet lil CCP oħra;
 - (iv) spjegazzjoni tal-proċess għall-portabbiltà tal-pożizzjonijiet u tal-assi relatati tal-membri tal-ikklijjar u l-klijenti tas-CCP għal CCP oħra, fejn previst, u deskrizzjoni ta' kemm huwa probabbli li tali portabbiltà tirnexxi u l-miżuri li għandhom jittieħdu biex tiġi ffaċilitata;
 - (v) deskrizzjoni ta' dawn li ġejjin:
 - (i) kif is-CCP iżżomm id-*data* rilevanti aġġornata dwar il-pożizzjonijiet fil-kontijiet omnibus u segregati tal-klijent matul ir-riorganizzazzjoni tan-negozju;
 - (ii) kif is-CCP tkun tista' tipprovdi l-informazzjoni rilevanti malajr matul ir-riorganizzazzjoni sabiex tiżgura li l-pożizzjonijiet u t-tranżazzjonijiet kollha, inklużi l-pożizzjonijiet tal-klijenti, fejn identifikabbli, miżmuma fis-CCP jkunu jistgħu jiġu identifikati u potenzjalment trasferiti b'suċċess;
 - (e) fejn arranġamenti ta' servizz jew arranġamenti kuntrattwali oħra jiġu pprovduti minn entitajiet tal-grupp, deskrizzjoni ta' kif tali entitajiet tal-grupp se jiġu affettwati;
 - (f) deskrizzjoni ta' kif il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jqis u jiżgura l-kontinwità tal-arranġamenti legali u tekniċi tas-CCP u kif il-pjan jappoġġa t-trasferiment tal-funzjonijiet tas-CCP, inkluża deskrizzjoni ta' kwalunkwe ftehim konkluż ma' FMIs oħra jew ma' fornituri ta' servizzi rilevanti bi tħejjija għall-applikazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.
2. Għall-partijiet tas-CCP li mhux se jiġu stralċati jew mibjugħa, il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jindika modi kif jiġi rimedjat kwalunkwe nuqqas fl-operat jew fil-prestazzjoni tagħhom li jista' jkollu impatt fuq il-vijabilità fit-tul tagħhom, anki jekk dawk in-nuqqasijiet mhumiex direttament relatati mal-falliment tas-CCP.

Artikolu 6

Il-bidliet fil-ġestjoni tar-riskju tas-CCP

Meta l-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP jinkludu bidliet fil-ġestjoni tar-riskju tas-CCP kif imsemmi fl-Artikolu 37(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/23, id-deskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi deskrizzjoni dwar:

- (a) kif is-CCP tipprevedi li tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali tagħha, inkluż billi tagħmel bidliet fil-metodoloġiji tal-fond tal-inadempjenza tagħha, fl-oqfsa tal-

ġestjoni tar-riskju tal-marġni u tal-likwidità, fil-politiki ta' investiment, fil-politiki tal-kollateral u fl-arranġamenti tas-saldu, u jekk hijiex prevista xi bidla fil-ġestjoni tar-riskju tas-CCP;

- (b) kif is-CCP tipprevedi li tikkonforma mar-rekwiżiti regolatorji l-oħra tagħha, inkluż billi tagħmel bidliet organizzazzjonali, inklużi bidliet fl-istruttura organizzazzjonali tagħha, fil-politika ta' kontinwità tal-operat u fl-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tagħha, kif ukoll billi tagħmel bidliet materjali fil-ġestjoni tagħha, fir-regoli tal-kondotta tal-operazzjonijiet tagħha, inkluża l-kompożizzjoni tas-sħubija tagħha, u r-regoli tagħha dwar is-segregazzjoni u l-portabbiltà;
- (c) kif is-CCP tipprevedi li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-likwidità tagħha, inkluż li tissodisfa l-obbligi ta' pagament kollha tagħha, fil-muniti rilevanti kollha, hekk kif isiru dovuti u sa liema punt tkun tista' tirrikorri għall-għodod ta' likwidità stabbiliti fir-regoli operattivi tagħha skont il-kondizzjonijiet rilevanti tas-suq;
- (d) kif is-CCP tipprevedi li tikkonforma mar-rekwiżiti li żżomm ir-riżorsi finanzjarji prefinanzjati u impenjati disponibbli;
- (e) kif is-CCP tipprevedi li tikkonforma mar-rekwiżiti biex ikollha l-kapaċità li tirrikostitwixxi r-riżorsi finanzjarji prefinanzjati tagħha.

Artikolu 7

Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex titreġġa' lura l-vijabilità fit-tul tas-CCP

1. L-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 37(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/23 għandha tkopri l-aspetti kollha li ġejjin:
 - (a) l-iskeda ta' żmien ġenerali u l-perjodi ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju;
 - (b) lista tal-azzjonijiet u l-passi ewlenin previsti, bi skedi ta' żmien allokat, li għandhom jittieħdu mis-CCP biex timplimenta kull miżura stabbilita fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju;
 - (c) l-iskeda ta' żmien fil-mira stmata għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni stabbiliti fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju;
 - (d) skeda ta' żmien dettaljata tal-interazzjonijiet ippjanati mal-awtorità ta' riżoluzzjoni u mal-awtorità kompetenti;
 - (e) skeda ta' żmien għall-komunikazzjoni mal-pubbliku, filwaqt li titqies l-istrateġija ta' komunikazzjoni interna u esterna tas-CCP dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju;
 - (f) skeda ta' żmien għall-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni rilevanti involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, inklużi l-membri tal-ikklijar u t-trade unions;

- (g) fejn applikabli, skeda ta' żmien għat-treġġiġh lura tal-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 u mar-rekwiżiti rilevanti skont ir-Regolament (UE) 2021/23.
2. Is-CCP għandha tiżgura li l-iskedi ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu xierqa, u jippermettu implimentazzjoni effettiva tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.

KAPTOLU II

KRITERJI GĦALL-APPROVAZZJONI TAL-PJANIJIET TA' RIORGANIZZAZZJONI TAN-NEGOZJU

Artikolu 8

Kriterji tal-prestazzjoni tal-vijabilità

Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jissodisfa l-kriterji kollha tal-prestazzjoni tal-vijabilità li ġejjin:

- (a) is-CCP għandha tkun tista', f'konformità mar-regoli u r-regolamenti interni tagħha, twettaq il-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju;
- (b) is-CCP, bl-implimentazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, għandha tkun tista', fi żmien raġonevoli, treġġa' lura l-vijabilità fit-tul u tkompli tipprovdi servizzi tal-ikklijar f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 bil-mod li ġej:
- (i) is-CCP ma toħloqx riskju sinifikanti għas-sistema finanzjarja, filwaqt li tqis b'mod partikolari valutazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-lista ta' parteċipanti tal-ikklijar;
- (ii) is-CCP tipprovdi servizz tal-ikklijar li huwa stabbli u vijabbli, filwaqt li tqis b'mod partikolari:
- (1) il-fluss stmat tat-tranżazzjonijiet li se jiġu ppreżentati lis-CCP għall-ikklijar;
- (2) l-għadd stmat ta' membri tal-ikklijar fis-CCP;
- (3) il-kapaċità tas-CCP li tiżgura likwidità fl-istrumenti kklirjati;
- (4) il-ftehimiet kuntrattwali materjali li se jinżammu, u l-punt sa fejn tali kuntratti jinkludu klawżoli kuntrattwali ta' reżiljenza, klawżoli reżistenti għar-riżoluzzjoni u limitazzjonijiet tad-drittijiet ta' terminazzjoni f'riorganizzazzjoni tan-negozju;
- (5) il-ftehimiet interni li se jinżammu matul l-applikazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, inklużi deskrezzjonijiet ta' kwalunkwe

struttura tal-ipprezzar ta' distakkament u l-aċċess kontinwu ppjanat għall-
assi operazzjonali;

- (6) il-kontinwazzjoni prevista tas-servizzi lis-CCP wara l-applikazzjoni tal-
pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, kif muri mill-ittri ta' impenn tal-
fornituri tas-servizzi u fejn ma tkun waslet l-ebda ittra bħal din, il-
valutazzjoni tas-CCP li t-terminazzjoni ta' tali servizz mhux se tkun ta'
detriment għall-vijabilità operazzjonali jew finanzjarja tas-CCP;
- (c) il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jinkludi deskrizzjoni tal-metodu
għad-determinazzjoni tal-valur u l-kummerċjabbiltà tal-funzjonijiet u l-assi kritiċi
tas-CCP, b'enfasi fuq aspetti li jista' jkollhom impatt fuq il-valwazzjoni, inkluża l-
volatilità fis-suq, l-inaċċessibbiltà jew l-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, ir-
restrizzjonijiet tal-ħin u l-aspetti legali;
- (d) il-valwazzjonijiet skont il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandhom ikopru
kemm l-assi kif ukoll il-linji tan-negozju tas-CCP li għandhom jiġu stralċati jew
mibjugħa, u l-assi u l-linji tan-negozju li għandhom jibqgħu fis-CCP;
- (e) kwalunkwe rikavat miċ-ċessjoni ta' assi, jew ta' linji tan-negozju previsti mill-pjan
ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jiġi kkalkolat b'mod prudenti u b'referenza
għal punt ta' referenza jew għal valwazzjoni, inkluża valwazzjoni esperta, eżerċizzju
ta' sondaġġ tas-suq, jew il-valur ta' assi jew linji tan-negozju simili;
- (f) is-CCP, bl-implimentazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, għandha tkun
kapaċi tissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali u rekwiżiti regolatorji oħra applikabbli
kollha fuq bażi progressiva, b'mod partikolari:
- (i) is-CCP mhux se tibqa' tikser l-ebda rekwiżit jew tipprevjeni ksur probabbli ta'
dawk ir-rekwiżiti milli jimmaterjalizza;
- (ii) is-CCP tiżgura l-funzjoni kontinwa tal-proċessi operazzjonali tagħha kif
imsemmi fl-Artikolu 12(7), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2021/23;
- (g) meta flimkien mar-riżoluzzjoni għandu jkun hemm sostituzzjoni tal-maniġment u
fejn tali ristrutturar għandu jinkiseb permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan ta'
riorganizzazzjoni tan-negozju, il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu
jindirizza ristrutturar li jinkludi s-sostituzzjoni tal-maniġment;
- (h) sa fejn taf is-CCP, l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fir-riorganizzazzjoni tan-
negozju ma għandu jkollha l-ebda effett negattiv materjali fuq l-istabbiltà tas-suq u
dik finanzjarja;
- (i) is-CCP ma identifikatx kwistjonijiet relatati mal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni
jew nazzjonali li jistgħu jinqalgħu mill-implimentazzjoni tal-pjan ta'
riorganizzazzjoni tan-negozju.

Artikolu 9

Kriterji tal-prestazzjoni finanzjarja

Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jissodisfa l-kriterji kollha tal-prestazzjoni finanzjarja li ġejjin:

- (a) is-CCP għandha tkun identifikat ir-rekwiżiti ta' finanzjament skont il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u tkun żgurat is-sorsi ta' tali finanzjament, filwaqt li tiżgura, b'mod partikolari, li l-partijiet li jaqblu li jipprovdu riżorsi finanzjarji impenjati, inkluża l-impriża omm, il-membri tal-ikklijar, l-azzjonisti jew il-fornituri tal-likwidità tas-CCP, ikunu jistgħu jittrasferixxu l-ammonti impenjati lis-CCP fil-perjodu ta' żmien meħtieġ f'konformità mat-termini u l-kondizzjonijiet maqbula minn tali partijiet;
- (b) is-CCP għandha tkun identifikat u inkludiet fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju modi biex iżżomm ir-reżiljenza finanzjarja tagħha;
- (c) is-CCP għandha tkun tista' topera u tkopri l-pożizzjonijiet finanzjarji kollha tagħha, kif muri minn karta tal-bilanċ ta' wara r-riorganizzazzjoni li tipprovdi dettalji dwar l-istruttura l-ġdida tad-dejn u tal-kapital u dwar l-effetti tal-ġhodod ta' valutazzjoni negattiva u konverżjoni bbażati fuq il-valwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 24(3) u l-Artikolu 61(1) tar-Regolament (UE) 2021/23 sa fejn tali valwazzjoni tkun ġiet iffinalizzata fiż-żmien tal-istabbiliment tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju;
- (d) is-CCP għandha tkun identifikat u mmitigat kwalunkwe impediment finanzjarju, inkluż meta s-CCP tkun parti minn litigazzjoni jew tilwima li tkun għaddejja li tista' taffettwa b'mod negattiv il-pożizzjoni finanzjarja tagħha.

Artikolu 10

Kriterji ta' sensibilizzazzjoni u impenn

Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jissodisfa l-kriterji kollha ta' sensibilizzazzjoni u impenn li ġejjin:

- (a) il-maniġment superjuri u l-membri tal-bord tas-CCP għandhom jirrikonoxxu bil-miktub li huma konxji u impenjati għal dan li ġej:
 - (i) l-implimentazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju;
 - (ii) il-ħatra ta' persuna waħda jew aktar responsabbli għat-twettiq tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u l-identifikazzjoni tal-individwi assenjati l-karigi ta' maniġment superjuri ta' tali dipartimenti;
- (b) l-għarfien, l-impenn, il-kooperazzjoni u l-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati interni u esterni ewlenin li ġejjin għall-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandhom ikunu dokumentati bil-miktub:
 - (i) il-kumitat tar-riskju;

- (ii) il-membri tal-ikklijjar u l-klijenti diretti u indiretti tagħhom fejn l-identifikazzjoni tagħhom tkun possibbli;
- (iii) is-CCPs interoperabbli u l-fornituri ta' servizzi kritiċi.

Artikolu 11

Kredibbiltà tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju

1. Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu japplika suppożizzjonijiet li huma kredibbli, li jvarjaw mill-aktar ottimisti għall-aktar pessimisti, u li jiżguraw li l-istrateġija ta' riorganizzazzjoni stabbilita fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju tkun realistika, xierqa, u li tqis l-opportunitajiet u t-theddid għas-CCP fis-suq rilevanti.
2. Is-suppożizzjonijiet fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandhom ikunu bbażati fuq is-swieq rilevanti fejn is-CCP tipprovdi servizzi tal-ikklijjar u l-offerti tal-ikklijjar minn pari rilevanti tas-CCPs, u għandhom jitqabblu ma' punti ta' referenza xierqa għas-settur kollu rilevanti għas-CCPs.
3. Is-suppożizzjonijiet kollha għandhom jirriżultaw f'xenarji plawżibbli. Il-bidliet applikati biex jiġu ddeterminati l-aktar suppożizzjonijiet pessimisti jew ottimisti għandhom jiffukaw, b'mod partikolari, fuq aspetti li huma rilevanti għas-CCP skont il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju sabiex jiġu żgurati l-proporzjonalità u l-effiċjenza.
4. Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju ma għandux, lanqas taħt l-aġar xenarju jew l-aħjar xenarju possibbli, jinkludi għodod ta' riżoluzzjoni lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni li tkun qed tiġi implimentata.

Artikolu 12

Adegwatezza tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju

1. Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jkun konsistenti, sa fejn ikun possibbli, mal-valutazzjonijiet imwettqa mill-awtorità ta' riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti fil-perjodu li jwassal għall-istabiliment ta' dak il-pjan u mal-valwazzjonijiet użati biex jiġi ddeterminat jekk il-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2021/23 ġewx issodisfati.
2. Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jorbot il-miżuri li fih mal-eżitu tal-analiżi tal-fatturi u ċ-ċirkostanzi li wasslu biex is-CCP tfalli jew tkun fi probabbiltà li tfalli, u mal-event li kkawża l-iskattar tal-pjan ta' riżoluzzjoni, b'separazzjoni bejn eventi ta' inadempjenza, eventi mhux ta' inadempjenza u kombinazzjoni tat-tnejn, skont iċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni.
3. L-analiżi tal-ambjent operattiv estern inkluża fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandha tkun konsistenti, sa fejn ikun possibbli, mal-analiżi tal-

opportunitajiet u t-theddid fis-swieq rilevanti, kif stabbilit mill-awtorità tar-riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti meta jwettqu l-kompiti tagħhom.

4. Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju ma għandux jaffettwa b'mod negattiv il-funzjonijiet kritiċi jew il-linji tan-negozju ewlenin tas-CCP jew il-funzjonament tas-sistema finanzjarja u l-istabbiltà finanzjarja ġenerali.
5. Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jkun fattibbli u għandu jiżgura dan li ġej:
 - (a) il-mitigazzjoni ta' kwalunkwe impediment potenzjali għall-implimentazzjoni, bħal-liġi tax-xogħol jew arranġamenti kuntrattwali oħra;
 - (b) li l-miżuri ppjanati, l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom u l-valutazzjoni tal-kriterji tal-prestazzjoni jkunu qiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-CCP, inklużi l-organizzazzjoni tan-negozju u s-servizzi tal-ikklijar, ir-rabtiet mal-membri tal-ikklijar, u sa fejn l-informazzjoni tkun disponibbli, il-klijenti diretti u l-klijenti indiretti tas-CCP, iċ-ċentri tan-negozjar, il-kredituri u l-fornituri ta' servizzi kritiċi u kwalunkwe interdipendenzi materjali tas-CCP ma' entitajiet oħra rilevanti għas-CCP jew arranġamenti tal-interoperabbiltà ma' FMIs oħra;
 - (c) li titqies is-sitwazzjoni fis-swieq rilevanti fejn is-CCP tipprovdi servizzi tal-ikklijar;
 - (d) li l-valwazzjoni użata għall-kalkolu ta' kwalunkwe rikavat mistenni mill-bejgħ ta' assi jew linji tan-negozju previsti mill-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju tkun prudenti, affidabbli u realistika.

Artikolu 13

Konsistenza tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju

1. Is-CCP għandha tallinja l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju mal-pjanijiet tan-negozju preċedenti li tkun ħejjiet, fejn xieraq, jew tispjega fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għaliex dan jiddevja materjalment mill-pjanijiet tan-negozju preċedenti.
2. Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jirrispetta l-oġġettivi tar-riżoluzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/23.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26.10.2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN